MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru 19/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmelo Camilleri**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn parti minn decizjoni tal-Qorti Kriminali – decizjoni dwar eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` tal-provi – moghtija minn dik il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2009. L-akkuzat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fil-15 ta' Ottubru

2009. L-appell tieghu hu limitat ghall-ewwel eccezzjoni u ghas-seba'eccezzjoni minnu sollevati.

**2.** Carmelo Camilleri kien akkuzat, permezz ta' Att ta' Akkuza prezentat mill-Avukat Generali fl-24 ta' Novembru 2008 (nru 19/2008) talli volontarjament ta n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew xi lok iehor, meta hemm gew kien hemm persuna fil-waqt tal-hruq, izda ghalkemm ebda persuna ma tilfet hajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm gew kien hemm xi persuna (l-ewwel kap), talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-hsara jiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) (it-tieni kap), talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-hsara ma jiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) (it-tielet kap), talli bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) filwaqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' (ir-raba' kap), talli volontarjament f'lok pubbliku, kien jinsab f'sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu jew waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq lin-nies jew ghamel xi storbju (il-hames kap), talli volontarament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (is-sitt kap), talli volontarjament bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat (is-seba' kap), u talli volontarjament hebb kontra persuna sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici (it-tmien kap).

**3.** Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet tad-19 ta' Dicembru 2008, l-imsemmi Carmelo Camilleri eccepixxa *inter alia* "**1. Il-piena mitluba fit-tieni u fit-tielet kap ta' l-att ta' akkuza ma hijiex dik kontemplata fil-ligi in kwantu fl-esposizzjoni tal-fatti ta' dawn iz-zewg kapi mkien ma jinghad li l-ammont tal-hsara jiskorri t-tlieta u ghoxrin**

**euro u disgha u ghoxrin centezmu (**€23.29)… **7. L-inammissibilita` tax-xiehda ta' Adrian Chircop moghtija fis-17 ta' Dicembru 2007 u li tinsab a fol. 54 *et seq.* ta' l-atti processwali, fl-eventwalita` li waqt il-guri juri li ma jixtieqx jixhed kontra l-esponent kif prevvist fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 633 tal-Kodici Kriminali u din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba."**

**4.** Dwar dawn l-eccezzjonijiet, l-ewwel Qorti qalet hekk:

"**Illi dwar l-ewwel eccezzjoni li tirrigwarda l-piena mitluba mill-Avukat Generali ghat-tieni w t-tielet Kapi tal-Att ta' l-akkuza, l-akkuzat jeccepixxi li din il-piena mhix erogabbli ghaliex imkien f' dawn il-kapi ma jinghad li l-hsara tiskorri t-tlieta w ghoxrin ewro w ghoxrin centezmu.**

**"Fil-fatt l-akkuza fit-tieni kap hi ta' hsarat volontarji fil-karozza CAB 247 Austin Mini billi l-akkuzat allegatament faqa' l-windscreen b'cilindru tal-gass. Fl-ewwel zewg paragrafi veru ma jissemmiex il-valur tal-hsara kagjonata, pero` fit-tielet paragrafu l-akkuza tispecifika li l-ammont tal-hsara jiskorri elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1,164.69c) u cioe` l-ekwivalenti ghal hames mitt lira Maltin. Fl-ahhar paragrafu mbaghad l-Avukat Generali talab li tinstab htija skond l-artikolu 325 (a) u li l-piena li kellha tigi erogata kellha tkun proprju dik skond dan is-subartikolu, li jispecifika li fejn il-hsara tkun izjed minn €1,164.69 i.e. (LM500) u cioe' l-valur premess fit-tielet paragrafu, l-piena tkun dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa erba snin.**

**"Certament li l-piena mitluba hija dik attinenti ghall-valur tal-hsara msemmi fit-tielet paragrafu tat-tieni Kap u ghalhekk din il-Qorti ma tarax li l-piena mitluba mhix erogabbli. Il-fatt li l-ammont tal-hsara allegatament kagjonata ma ssemmiex espressament fl-ewwel zewg paragrafi tal-parti espozittiva tal-Kap, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jwassalx biex il-piena li tkun tista' tintalab trid allura tkun dik kontemplata fis-subartikolu (d) tal-artikolu 325, kif donnu qed**

**jippretendi li ghandu jkun l-akkuzat. S'intendi dejjem ikun possibbli ghall-gurati, debitament indirizzati mill-Imhallef li jippresjedi l-guri, li jirriskontraw htija inqas minn dik li biha l-akkuzat qed jigi mixli li tkun kompriza w involuta fis-subincizi (b) (c) jew (d) tal-imsemmi artikolu.**

**"L-istess fit-tielet Kap. Hawn si tratta ta' hsarat volontarji fuq il-vettura Tata Mobile numru AAJ 328. Fl-ewwel zewg paragrafi tat-tielet Kap ma jissemmiex il-valur tal-hsarat allegatament kagjonati. Pero` fit-tielet paragrafu l-Avukat Generali jispecifika li dawn il-hsarat ma jiskorrux l-elf mija w erba' w sittin Ewro w disgha w sittin centezmu (€1,164.69c) imma huma izjed minn mija w sittax-il-Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47c) u cioe` l-faxxa ta' hsarat li jaqghu taht is-subartikolu (b) tal-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali.**

**"Konformement l-Avukat Generali qed jitlob fir-raba' paragrafu li tinstab htija taht dan is-sub artikolu (b) w li l-piena erogabbli tkun proprju dik li jiddisponi dan is-sub artikolu w cioe` dik ta' prigunerija minn hames xhur sa sena.**

**"Anki hawn, il-fatt li l-ammont tal-hsara allegatament kagjonata ma ssemmiex espressament fl-ewwel zewg paragrafi tal-parti espozittiva tal-Kap, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jwassalx biex il-piena li tkun tista' tintalab trid allura tkun dik kontemplata fis-subartikolu (d) tal-artikolu 325, kif qed jippretendi li ghandu jkun l-akkuzat. S'intendi, anki hawn, dejjem ikun possibbli ghall-gurati, debitament indirizzati mill-Imhallef li jippresjedi l-guri, li jirriskontraw htija inqas minn dik li biha l-akkuzat qed jigi mixli li tkun kompriza w involuta fis-subincizi (c) jew (d) tal-imsemmi artikolu.**

**"F'kull kaz pero' l-artikolu 597 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-Qorti Kriminali tista', sew *ex officio,* kemm ukoll fuq eccezzjoni tal-akkuzat, tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-akkuza, basta li dan isir qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati**

**jew le: izda ebda haga m'ghandha tizdied fl-att ta' l-akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat. Is-subartikolu (2) jiddisponi li tali ordni jista' jinghata wkoll fuq talba tal-Avukat Generali kull meta jkun hemm zball jew difett fl-att ta' l-akkuza, ukoll meta, minhabba dan l-izball jew difett, l-akkuzat ikun ta l-eccezzjoni tan-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza jew il-Qorti *ex officio* tkun qanqlet il-kwistjoni tan-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza, f'liema kaz l-akkuzat jista' jitlob li l-kawza tigi mhollija ghal gurnata ohra, sabiex ilesti d-difiza.**

**"Inoltre l-artikolu 599 (1) jaghti s-setgha lil din il-Qorti li, f'kull waqt tal-kawza, sakemm il-guri ma jaghtix il-verdett tieghu, tordna li jigi korreggut kull zball li, mill-provi li jingiebu fil-kawza, jinsab li sar fl-att ta' l-akkuza dwar ic-cirkostanzi ta' zmien, post u persuna, meta, fejn u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-<u>indikazzjoni jew</u> <u>id-deskrizzjoni tal-hwejjeg li fuqhom sar ir-reat</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti). Pero`, l-proviso tal-istess subartikolu jiddisponi li m'ghandu jittiehed ebda qies ta' ebda haga li, minnhabba dik il-korrezzjoni, taghmel izjed gravi r-reat, kemm il-darba dan l-aggravament ma jkunx migjub espressament fl-att ta' l-akkuza .**

**"Inoltre, jekk din il-Qorti tara li tali korrezzjoni tista' taghmel hsara lill-akkuzat fid-difiza tieghu, tista' fuq talba tal-akkuzat, tholl il-guri w thalli l-kawza ghall-gurnata ohra, biex taghti zmien lill-akkuzat li jlesti d-difiza tieghu fuq l-att ta' l-akkuza hekk ikkorregut. (ara Appell Kriminali (Superjuri) 'Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb' [22.4.2004] u ohrajn.)**

**"Mill-qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni jidher car li dak li ma jistax isir mhux kull korrezzjoni li taghmel hsara lill-akkuzat fid-difiza tieghu, imma biss korrezzjonijiet li jaghmlu r-reat izjed gravi. Ghalhekk anki jekk korrezzjoni tkun tista' tippregudika lill-akkuzat fid-difiza tieghu, din xorta wahda tista' ssir, sakemm ma tirrendix ir-reat aktar gravi w tali aggravament ma jkunx diga` misjub espressament fl-Att ta' l-akkuza.**

**“F’dan il-kaz mhu qed jizdied xejn li jzid il-gravita` tar-reat addebitat ghaliex kemm fit-tieni u fit-tielet kapi mill-bidu kienu jissemmew htijiet li jaqghu rispettivament taht is-subinciz (a) u s-subinciz (b) tal-artikolu 325 rispettivament.**

**“Ghalhekk u ghal kull buon fini pero`, din il-Qorti, kif tista’ taghmel skond l-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, qed tordna li jigi emendat l-att tal-akkuza billi fit-tieni Kap, wara t-tieni paragrafu, jizdied paragrafu gdid li jkun jaqra hekk :-**

***“Illi l-hsara kagjonata fl-imsemmija vettura kienet tammonta ghal izjed minn elf, mija u erba’ w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (E1,164.69c).”***

**u fit-tielet Kap, wara t-tieni paragrafu, jizdied paragrafu gdid li jkun jaqra hekk:-**

***“Illi l-hsara kagjonata fl-imsemmija vettura ma kienetx tiskorri elf, mija u erba’ w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (E1,164.69c) imma kienet izjed minn mija w sittax il-Ewro w sebgha w erbghin centezmu (E116.47c).”***

**“B’dan il-mod qed tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat.**

**“….**

**“Dwar l-unika eccezzjoni rimanenti tal-akkuzat w cioe` s-seba’ eccezzjoni, din il-Qorti tirrizerva li tipprovdi waqt il-guri w cioe` wara li tkun saritilha talba - jekk issir - minn Adrian Chircop biex hu jigi ezentat milli jixhed kontra l-akkuzat u wara li tqis jekk tali ezenzjoni hix legittima skond dak li jipprovdi l-artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali w c-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu biss maghrufa waqt l-andament tal-guri.”**

**5.** Minn dawn il-partijiet tas-sentenza tat-12 ta’ Ottubru 2009 appella, kif inghad, l-akkuzat. Fir-rikors ta’ appell

tieghu tal-15 ta' Ottubru 2009 l-imsemmi Camilleri jillanja fl-ewwel lok illi l-Qorti Kriminali *"ma kellhiex tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni ta' l-esponent billi tordna korrezzjoni fil-parti narrattiva tat-tieni u tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza izda, semmai, kellha tordna korrezzjoni fil-piena mitluba f'dawn iz-zewg kapi b'mod li tigi tirrifletti l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali."* Skond l-appellant, il-piena li kellha tintalab mill-Avukat Generali kellha tkun dik kontemplata fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali galadarba mkien fit-Tieni u fit-Tielet Kapi ma jinghad li l-ammont tal-hsara jiskorri tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29). Jghid illi biz-zidiet ordnati l-Qorti Kriminali vvjolat dak li jiddisponi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali.

**6.** Din il-Qorti, wara li ezaminat l-att ta' l-akkuza, u senjatament dak li jinghad fit-Tieni Kap u fit-Tielet Kap, hi tal-fehma li l-Qorti Kriminali setghet sahansitra ma ordnat l-ebda korrezzjoni. Difatti, apparti l-fatt li anki kieku ma ssemma xejn dwar l-ammont tal-hsara fil-parti narrativa dan ma jwassalx ghall-konkluzjoni li allura l-hsara ma kinitx tiskorri tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), qabel ma jghaddi biex jakkuza lill-appellant, fit-tielet paragrafu ta' kull Kap, l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-parametri tal-hsara (li jiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) skond it-Tieni Kap u li ma jiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) skond it-Tielet Kap) li fuqhom kienu qed jigu bazati l-akkuzi fir-raba' paragrafi ta' dawn il-Kapi fejn anke ssir referenza ghall-artikoli rilevanti (art. 325(a) fir-rigward tat-Tieni Kap u art. 325(b) fir-rigward tat-Tielet Kap). Huwa minnu li f'dawn it-tielet paragrafi l-Avukat Generali ma jghidx li dawk il-parametri jirrapprezentaw il-hsara fil-vetturi rispettivi, izda huwa evidenti illi dawk il-parametri jirreferu ghall-hsara li kull Kap jitkellem dwaru fl-ewwel paragrafu rispettiv taghhom. Kwindi biz-zidiet ordnati mill-Qorti Kriminali ma saret l-ebda vjolazzjoni ta' l-artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali u konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

**7.** It-tieni lanjanza ta’ l-appellant hi fis-sens li l-Qorti Kriminali ma ndirizzatx is-seba’ eccezzjoni u ddisponiet biss billi rrizervat li tipprovdi dwar il-produzzjoni ta’ Adrian Chircop waqt il-guri. L-appellant jghid illi *“b’din l-eccezzjoni l-esponent issottometta li x-xiehda ta’ Adrian Chircop moghtija fis-17 ta’ Dicembru 2007 fl-eventwalita` li waqt il-guri juri li ma jixtieqx jixhed kontra l-esponent kif previst fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 633 tal-Kodici Kriminali u t-talba tigi milqugha, hija inammissibbli”*, u dan skond l-emendi introdotti fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali permezz ta’ l-Att XXXII ta’ l-1997. Skond l-appellant, *“il-kwistjoni ta’ jekk dan ix-xhud ghandux jigi prodott waqt il-guri hija toto caelo differenti mill-ammissibilita` tax-xiehda tieghu moghtija fl-istruttorja f’kaz li l-Qorti li tkun qed tippresjedi l-guri taccetta li Adrian Chircop ma jixhidx fl-eventwalita` li juri dik ix-xewqa.”*

**8.** Huwa minnu li s-subartikolu (10) ta’ l-artikolu 646 jipprovdi li l-Avukat Generali, kif ukoll l-akkuzat, jista’ jitlob li jigi deciz mill-qorti, qabel ma jibda s-smigh tal-kawza, jekk ix-xiehda ta’ xi xhud ghandhiex tigi ammessa, kif jinghad fis-subartikolu (2). Izda din il-Qorti tqis il-konkluzjoni tal-Qorti Kriminali fir-rigward tas-seba’ eccezzjoni korretta in vista tal-fatt li fil-mument li tqajmet l-eccezzjoni c-cirkostanza li fuqha kien qieghed iserrah l-akkuzat kienet wahda li ghadha ma avveratx ruhha u ghalhekk kienet f’dak l-istadju wahda biss ipotetika. Id-decizjoni dwar l-ammissibilita` tax-xiehda ta’ Adrian Chircop waqt l-istruttorja ghandha tittiehed waqt il-guri, una volta jkun maghruf x’se tkun il-pozizzjoni ta’ Adrian Chircop. Mhuwiex il-kaz li f’dan l-istadju l-Qorti toqghod timmagina x’jista’ jaghmel Adrian Chircop, jew x’jista’ jitlob jew ma jitlobx, jew jekk wara kollox ikunx prezenti biex jiddeponi. Ghalhekk ghandu jithalla ghall-gudizzju tal-Qorti Kriminali waqt il-guri. B’hekk anke t-tieni aggravju qieghed jigi michud.

**9.** Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, tordna li l-atti jigu rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-kaz skond il-ligi, u, b’referenza ghall-helsien mill-arrest fil-pendenza tal-

proceduri, tordna li l-akkuzat jerga' jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien fiha qabel ma ddahhal fl-izbarra llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------